MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru 881/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**VS**

**TYRONE GRAIG DARK;**
**DILLON LEONELLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Tyrone Graig Dark ta' 18-il sena, bin Raymond Alfred u Maria nee' Mercieca, imwieled l-Awstralja, nhar it-22 ta' Ottubru, 1986, u residenti fil-fond bl-isem 'Independence Flats', F/3, Triq l-Oratorju, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita' numru 0211804 (L);

U Dillon Leonelli ta' 13-il sena, bin Adolfo u Theresa Rita nee' Spiteri, imwieled tal-Pieta', nhar it-20 ta' Gunju, 1992,

u residenti fil-fond numru 112/4, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 308392 (M);

Akuzati talli gewwa l-Isla, nhar l-10 ta' Settebmru, 2005, f'xi hin wara t-8.00 ta' fil-ghaxija, ikkommettew serq ta' *handbag* b'konenut ta' flus, dokumenti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u dan sar ghad-detriment ta' Concetta Carabott minn Bormla;

**Dillon Leonelli wahdu** akkuzat talli f'Malta, nhar il-31 ta' Jannar, 2005, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, gewwa Bormla, ikkommetta serq ta' flus li jeccedu l-Lm100.00 izda li ma jeccedux l-Lm1,000.00 u dan sar ghad-detriment ta' Theresa Rita Leonelli minn Bormla, liema reat huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputati, l-eta' tenera taghhom, li r-*res furtiva* giet ritornata, u li huma kkoperaw mal-pulizija;

Wara li rat il-verbal tal-lum;

Wara li semghet il-partijiet jrrimettu ruhhom ghall-piena.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmija Tyrone Graig Dark u Dillon Leonelli hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u tordna li jitqieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sena (1), u dan *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------